MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 55/2012

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Gareth Bonnici [ID. Nru. 26277M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha hija talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' seba' mija tmienja u sebghin euro euro u tlettax-il centezmu ta' euro [€778.13] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mija tmienja u sebghin euro u tlettax-il centezmu (€778.13) skont prospett hawn anness u mmarkat Dok. A u B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi, numru tal-kontijiet A/C80002668 u 80002665,

moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe mill-11 ta’ Settembru 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** mressqa fit-2 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha huwa ecceppixxa hekk:

“ILLI, preliminarjament, ghandu jigi eccepit li t-talba tas-socjeta attrici tezula mill-gurisdizzjoni u kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li t-talba tas-socjeta rikorrenti mhux wahda ghal ammont ta’ flus biss kif trid il-ligi taht il-provvedimenti tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380 fejn tirreferi ruhha ghal “only all money claims”, izda hija talba ghal hlas ta’ servizzi jew facilitajiet li ma gewx moghtija verament lill-esponenti jew illi l-esponenti b’xi mod gawda verament minnhom, u allura huwa biss per konsegwenza u sussidjarjament li tali talba tikkwalifika dan il-hlas lura tal-prezz billi jigi studjat sew in-negozju li sar bejn il-partijiet koncernati fil-fatt u fid-dritt, illi din ghandha tista tigi stradata korrettament taht il-gurisdizzjoni u kompetenza ta’ dan it-Tribunal, kif ser jigi gustament muri, fil-mori preliminari ta’ din il-vertenza;

ILLI fil-mertu in ogni kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

ILLI l-esponenti qua konvenut f’din il-vertenza, jispjega illi l-unika relazzjoni kuntrattwali li kellu mas-socjeta attrici kienet bejn is-sena 2005 u s-sena 2006, u dan, sal-mument li inizzjat s-servizzi taghha s-socjeta Melita permezz tas-servizzi taghha, taht l-iskema tal-Multiplus. ILLI kif inizzja dan is-servizz tal-Multiplus kif imsemmi, l-esponenti qua konvenut f’din il-vertenza, irrevoka l-kuntratt li kellu fuq is-servizzi offruti sa dak iz-zmien mill-kumpannija GO plc., u kif ukoll irritorna lura fil-fatt, id-

decoder li permezz tieghu huwa kien sa dak iz-zmien qed igawdi dan is-servizz li kien mikri lilu ghal dan l-iskop.

ILLI allura u minghajr, pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta GO plc, hija wahda abbuziva ghall-ahhar, ghax matul is-snin 2007, 2008 u 2009, l-esponenti qua konvenut f'din il-vertenza ma kienx qed jusufruwixxi mill-ebda servizz offrut mis-socjeta GO plc., u ghal dawn il-motivi ma ghandux jigi sottopost ingustament u abbuzivament ghal hlas ta' servizz, li jekk wiehed jistudja bir-reqqa x'sar fir-realta tal-fatti f'din il-vertenza, anqas biss inghata jew kien jaf bih hu stess.

GHALDAQSTANT it-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda u respinti fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-ingunzjoni tad-Diretturi u tar-rapprezentanti tas-socjeta attrici in subizzjoni u bir-riserva tad-drittijiet kollha spettanti lill-konvenut".

Ra l-verbal datat 4 ta' Lulju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' uzu ta' servizzi ta' kommunikazzjoni moghtija mis-socjeta attrici lill-intimat.

L-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi deciza hija dik dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-tribunal. L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija li "*Illi, preliminarjament, ghandu jigi eccepit li t-talba tas-socjeta attrici tezula mill-gurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal stante li t-talba tas-socjeta rikorrenti mhux wahda ghal ammont ta' flus biss kif trid il-ligi taht il-provvedimenti tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380 fejn tirreferi ruhha ghal "only all money claims", izda hija talba ghal hlas ta' servizzi jew facilitajiet li ma gewx moghtija verament lill-esponenti jew illi l-esponenti*

*b'xi mod gawda verament minnhom, u allura huwa biss per konsegwenza u sussidjarjament li tali talba tikkwalifika dan il-hlas lura tal-prezz billi jigi studjat sew in-negozju li sar bejn il-partijiet koncernati fil-fatt u fid-dritt, illi din ghandha tista tigi stradata korrettament taht il-gurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal, kif ser jigi gustament muri, fil-mori preliminari ta' din il-vertenza*".

It-talba tas-socjeta rikorrenti hija ghal hlas ta' ammont determinat, liema hlas qieghed jintalab ghall-uzu ta' servizz provdut mis-socjeta rikorrenti lill-intimat. Jekk l-intimat jipprova li huwa ma inghatax dan is-servizz allura t-talba tas-socjeta rikorrenti tigi michuda. Pero f'kull kaz, din il-vertenza taqa fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal u trid tigi determinata mill-provi. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni l-ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ix-xhud Simone Ellul, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tghid li din hija kawza dwar zewg *television services* li s-socjeta minnha rapprezentata kienet tipprovdi lill-intimat. L-ewwel kuntratt huwa dak bin-numru 80002668 kien jirreferi ghas-servizz installat fil-fond Blokk A, Flat 6, Fuq Tal-Blat Housing Estate, gewwa Hal-Qormi u fuq dan il-kuntratt hemm bilanc ta' €490.09 (dok. SE1 a fol. 18). It-tieni kuntratt igib in-numru 80002665 kien jirreferi ghas-servizz installat fil-Kordin Fire Station. Fuq dan il-kuntratt hemm bilanc ta' €288.04 (dok. SE2 a fol. 20). Dawn iz-zewg kuntratti jirreferu ghal servizz ta' televizjoni. In kontro-ezami, meta din ix-xhud giet mistoqsija jekk kienx hemm xi ilmenti dwar is-servizzi in kwistjoni, hija qalet li "*... ma kienx hemm ilmenti hlief okkazzjoni wahda fuq il-kuntratt 2668 fejn kien qal illi ma kellux signal fuq channel 56 pero wara li l-addetti tas-socjeta attrici vverifikaw l-affarijiet din is-signal regghet giet ghan-normal*" (fol. 17). B'referenza ghad-*decoder* xi oggetti ohra relatati mas-servizz provdut, u cioe jekk dawn gewx ritornati lura lis-socjeta minnha rapprezentata, hija tghid li mill-*file* ma jirrizulta l-ebda formola f'dan ir-rigward. Tghid ukoll li "*ma jistax ikun illi l-klijent jirritorna d-decoders u ahna ma nkunux nafu l-ghaliex inkunu rridu nohorgulu rcevuta u dan fl-interess tieghu l-ghaliex jitnaqqas il-prezz ta' dawn*

*l-istess decoders mill-kont li jkun ghad fadallu jaghtina jekk ikun hemm*” (fol. 17).

L-intimat xehed fl-4 ta’ Lulju, 2012 u qal li huwa qieghed jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokumenti li hemm a fol. 19 u 20 tal-process, pero mhux jaghraf il-firem li hemm fuq id-dokumenti li hemm esebiti a fol. 18 u 21 tal-process. Id-dokumenti li hemm f’dawn l-ahhar zewg faccati huma l-kuntratti mentri d-dokumenti li hemm fl-ewwel zewg faccati imsemmija huma l-*booking forms*. Huwa jaqbel li huwa kien “*abbinat mas-socjeta Multiplus ghas-servizzi li kienet qeghda toffri peress li kienet toffri servizz tas-serje A. Kif appena waqfet tipprovdi dan is-servizz jiena ma bqajtx abbonat maghha”* (fol. 25). Ghar-rigward tad-*decoders*, l-intimat ighid li huwa rritornahom u hallas l-ammont li kellhu jaghti u r-relazzjoni tieghu mal-Multiplus waqfet hemm. Id-*decoders* li huwa rritorna fl-ufficju tas-socjeta rikorrenti gewwa Portomaso kienu kemm dawk li kien hemm fir-residenza tal-genituri tieghu gewwa Hal-Qormi u kif ukoll dawk li kien hemm fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa Kordin.

B’referenza ghall-indirizz Blokk A, Flat 6, Fuq Tal-Blat Housing Estate, gewwa Hal-Qormi, l-intimat ighid li dak huwa l-indirizz fejn tghix il-mama tieghu. F’Settembru, 2009 huwa zzewweg u ma baqax ighix ghand ommu. Il-firem li hemm fuq id-dokumenti esebiti a fol. 18 u 21, u cioe l-kuntratti, huwa ma jafx ta’ min huma.

In kontro-ezami, l-intimat ighid li “*dawn is-servizzi kienu t-tnejn installati fir-residenza tal-genituri tieghi*” (fol. 26) u dan peress li “*gewwa Kordin fejn nahdem jiena bhala fireman hemm is-servizz tal-Gvern u allura ma ghandix bzonn noqghod nordna affarijiet ghax-xoghol*” (fol. 26). Dwar il-*booking forms*, huwa jghid li dawn kien iffirmahom gewwa t-*Trade Fair*. L-intimat izid ighid li “*ghalkemm fuq il-booking form hemm zewg indirizzi differenti dak iz-zmien li kienet harget is-sistema tal-Multiplus ma stajtx ikollok zewg decoders f’indirizz wiehed. Kien ghalhekk li fuq il-booking form tnizzlu z-zewg indirizzi*” (fol. 26).

Ikkunsidra ulterjorment;

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimata l-hlas ghas-servizzi ta' televizjoni moghtija minnha lill-intimat. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex huwa ma kienx baqa juza s-servizzi taghha fis-sena 2006 meta rritorna d-*decoders*.

It-Tribunal huwa ftit perpless b'dak li jirrizulta mill-provi ta' din il-kawza. Il-kuntratt li bih il-konsumatur jintrabat mas-socjeta rikorrenti jindika isem l-intimat. Pero numru tal-karta ta' l-identita ma hemmx. Kif lanqas ma hemm ta' minn hi l-firma li tinsab fuq il-kelma "*client*". Meta l-intimat gie mistoqsi ta' minn hi dik il-firma (dok. SE1 a fol. 18) huwa jghid li ma hijiex tieghu u lanqas jaghraf dik il-firma bhala ta' xi hadd li kien ighix fir-residenza Blokk A, Flat 6, Fuq Tal-Blat Housing Estate, gewwa Hal-Qormi. Dawn huma nuqqasijiet imputabbli biss lis-socjeta rikorrenti. L-istess haga ghar-rigward tal-kuntratt li hemm esebit a fol. 21. F'dan l-ahhar kuntratt, il-persuna li fuqha nhareg hija Mary Bonnici, omm l-intimat u l-intimat ma ghandu x'jaqsam xejn mieghu. Il-*booking forms* pero, u li huma dawk esebiti a fol. 19 u 20 tal-process, jirrizultaw li gew iffirmati minnu.

Ma huwiex kontestat li l-intimat kellu s-servizz tal-Multiplus l-ghaliex kieku huwa stess ma kienx jammetti li rritorna lura d-*decoders* lis-socjeta rikorrenti. Fil-fatt, l-intimat ma huwiex ighid li huwa ma kellhux dan is-servizz. Fil-kontro-ezami tieghu, l-intimat jmur pass oltre u jghid li dawn iz-zewg servizzi kienu nstallati fl-indirizz residenzjali tal-genituri tieghu. Dan minkejja li fil-*booking forms* l-indirizz fejn kellu jigi nstallat is-servizzi kienu ndikati bhala wiehed fi Blokk A, Flat 6, Fuq Tal-Blat Housing Estate, gewwa Hal-Qormi (fol. 20) u l-iehor fic-Civil Protection/Fire Brigade, Notredame Ridge, Floriana (fol. 19).

Fil-fehma tat-Tribunal, mhux il-*booking form* li torbot lill-konsumatur izda l-kuntratt. Ghalhekk b'referenza ghas-somma reklamata ta' €288.04 fir-rigward tal-kuntratt bin-numru 80002665 galadarba dan il-kuntratt huwa fuq isem Mary Bonnici u dan il-fatt huwa ukoll ikkonfermat mill-

i*statement* datat 14 ta’ Gunju, 2012 (dok. SE 4 a fol. 23) dan l-ammont zgur ma huwiex dovut mill-intimat imma semmai minn Mary Bonnici li ma hijiex parti f’dawn il-proceduri. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta’ dan l-ammont.

Ghar-rigward ta’ l-ammont l-iehor ta’ €490.09 dovut fuq il-kuntratt bin-numru 80002668 it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta rikorrenti rnexxiela tipprova li dan l-ammont huwa dovut mill-intimat. Ghalkemm il-kuntratt huwa ntestat fuq isem l-intimat, meta l-istess intimat gie mistoqsi jekk il-firma li hemm fuq il-kelma *client* hijiex tieghu, huwa cahad b’mod enfatiku hafna li dik kienet il-firma tieghu jew ta’ xi hadd li jaf hu. Hawn kien qieghed jirreferi ghal genituri tieghu l-ghaliex fiz-zmien li gie nstallat is-servizz, kienu hu u l-genituri tieghu li kienu qeghdin jghixu f’dan l-indirizz. Pero servizz kien hemm kif jammetti l-istess intimat. Id-difiza tieghu f’dan ir-rigward pero hi li huwa kien irritorna lura d-*decoders* fis-sena 2007 u minn dak-in-nhar ma baqax juza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti. F’dan ir-rigward, ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tghid li kieku verament irritorna lura d-*decoders* allura kien ser ikun hemm ricevuta. L-intimat baqa ma esebixxa l-ebda dokument biex juri li huwa rritorna dawn id-*decoders*. Jekk verament l-intimat ha dawn id-*decoders* huwa messu nsista mas-socjeta rikorrenti biex taghtih ricevuta. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-veracita tax-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Mill-banda l-ohra, l-intimat ighid li ghalkemm wiehed mis-servizzi kien gie indikat bhala li kellu jigi nstallat fic-Civil Protection, dan is-servizz fir-rejalta gie nstallat fid-dar residenzjali tal-genituri tieghu. Fil-fatt ighid “*dawn is-servizzi kienu t-tnejn installati fir-residenza tal-genituri tieghi*” (fol. 26) u “*ghalkemm fuq il-booking form hemm zewg indirizzi differenti dak iz-zmien li kienet harget is-sistema tal-Multiplus ma stajtx ikollok zewg decoders f’indirizz wiehed. Kien ghalhekk li fuq il-booking form tnizzlu z-zewg indirizzi*” (fol. 26). Dan juri agir mhux legali da parti ta’ l-intimat li jitfa dubju fuq il-veracita tax-xhieda tieghu. Huwa kien jaf li mhux suppost li jkun hemm zewg *decoders* fl-istess indirizz u biex idur ma dan il-fatt, huwa ta zewg indirizzi differenti, biex imbaghad installa s-servizz l-iehor

(dak li suppost kellu jigi nstallat fic-Civil Protection) fir-residenza tal-genituri tieghu. Dan il-fatt johrog mix-xhieda tieghu stess meta jghid li "*dawn is-servizzi kienu t-tnejn installati fir-residenza tal-genituri tieghi*" (fol. 26).

Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont ta' €490.09 dovut fuq il-kuntratt bin-numru 80002668 huwa dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u jiddikjara ruhhu kompetenti sabiex jisma u jiddeciedi dan il-kaz, qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tal-intimat fejn dawn huma b'xi mod inkompattibbli ma dak hawn fuq deciz u jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti in parte u jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-istess socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija u disghin euro u disa' centezmi (€490.09) bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez, in vista tal-fatti kollha ta' dan il-kaz, ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------